VALLETTA
Città Umilissima

KUNSILL LOKALI VALLETTA VALLETTA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 16

L-Erbgħa 28 ta' Mejju, 2014, fis-7.30pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti Dr Alexiei Dingli, Dr Normal Shaw, Christian Darren Micallef, Vincent Farrugia Lauri, Raymond Attard, u Vincent Fabri. L-Ambaxxatur Jurgen Briffa kien preżenti wkoll. Raymond Azzopardi ma setax jattendi minħabba raguni ta' xogħol.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 15 li saret nhar L-Erbgħa 24 ta' April, 2014, fis-7.30pm kienu ikkonfermati.

Il-Laqgħa ġiet sospiża peress li is-Sur Jason Micallef intalab li jattendi din il-laqgħa tal-Kunsill biex jagħti xi nformazzjoni dwar il-Valletta 2018. Il-Kunsillieri kellhom il-ħin li jsaqsu dak li xtaqu. Is-Sur Micallef nforma li din kienet l-ewwel fost sensiela ta' laqgħa mal-Kunsilli lokali. Waqt din il-laqgħa tqajmu issues bħal ġbir ta' l-iskart tar-ristoranti, il-kwistjoni tal-karozzini, tindif in generali taċ-ċentru tal-Belt (gvern centrali) Strada Stretta, ir-Rigenerazzjoni tas-Suq tal-Belt u l-Ferry Connections. Is-Sindku Prof Dingli tkellem dwar l-problemi finanzjari, trukijiet li qed jagħmlu ħsara fil-bankini, il-progett ta' taħt is-sur il-Fossa u Marsamxett. Il-Kunsillier Raymond Attard tkellem dwar id-dawl taċ-ċentru tal-Belt. Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-problema tal-parking u l-issues tal-wardens li m'għadhomx f'idejn il-Kunsill Lokali.

## 1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

1.1 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma li wara l-laqgħa tar-regjun il-Kumpanija tal-wardens ser tingħata t-tieni default notice. Dan wara diversi lmenti rċieva mill-Kunsilli dwar is-servizz li qed jingħata lill-Kunsilli.

1.2 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma dwar il-World Carnival Cities li saret f'Ċipru. Nforma dwar x'sar fil-konferenza. Nforma ukoll dwar il-laqgħa li kellu mas-Sindku ta' Nicosia biex isiru membri fil-European Walled Towns.

1.3 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma li f'Lulju ser issir il-kambjament fit-toroq tan-naħa ta' Hastings u Old Bakery. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

2.1 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma dwar il-festi tal-Karmnu li ser issir fis-16 ta' Lulju u il-festa ta' San Duminku li ser issir fit 3 ta' Awwissu.

2.2 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma li ser jiftaħ Supermarket More fl-Embassy shopping complex.

2.3 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma dwar request min għand Mr Peter Caruana l-persuna li tagħt bħala donazzjoni l-kwadru biex tissemma Triq għal missieru li kien pittur. Il-Kunsill qabel li għandha tigi nfurmata road committee biex tiddeċiedi fejn din tista ssir.

2.4 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma li rċieva korrispondenza biex bħala kunsill jerga jipparteċiva f'laqgħa ġewwa Ruma bhala kontinwazjoni tal-laqa tal-Kapitali Ewropej li sehhet fi Brussel. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.5 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma li ser issir il-ġita għal Sqallija u ser jitqassam flyer. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.6 Is-Sindku Prof. Alexiei Dingli nforma li dwar ic-CVA Desk għandha titieħed azzjoni. Il-Kunsill kollu qabel li għandha tintalab kerha ta' €500.00 fix xhar u tingħata s-somma ta'

€26,000.00 biex tkopri l-ispiza tal-paga ta' l-impjegat tal-Kunsill li jagħmel ħafna xogħol f'dan ir-rigward. Jekk din ma tintlaqax, ic-CVA Desk se jitneħħa mil-Kunsill. Il-Kunsill qabel dwar dan

3. **KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI**

3.1 Il-Viċi Sindku nforma li hemm bżonn li jsiru bollard fi Triq l-Arċisqof man-naħa tas-sorijiet.

3.2 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma dwar is-sistema tal-Boroz ta' iskart. U sar qabil li nhar ta' Tlieta il-Kunsill għandu jigbor biss il-borza l-ġriza.

3.3 Il-Kunsillier Vince Fabri tkellem dwar underground valletta u dwar l-attivita li tista ssir f'dan ir-rigward.

4. **KORRISPONDENZA**

4.1 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand is-Segretariat tal-World Tourism Cities Federation. Dan biex il-Kunsill jerġa jipparteċipa fis-Summit li jsir f' Settembru. Ġie deċiż li Dr Norman Shaw u Christian Micallef ser jattendu għal din il-laqgħa ġewwa c-China jekk il-biljetti ta' l-ajru jigu issusidjati. Il-Kunsill qabel dwar dan.

4.2 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand MITP biex isiru bollards quddiem il-bieb. Il-Kunsill qabel dwar dan.

4.3 Il-Kunsill rċieva korrispondenza mill-Kumitat għal emendi għal ligi dwar il-gvern lokali. Il-Kunsillieri rċevew kopja bl-email.

4.4 Il-Kunsill rċieva korrispondenza min għand MTA dwar breaktime. Il-Kunsill ma qabilx peress li tajjeb li xogħol li għaddej għandu jitlesta mill-aktar fis possibli. Dr Norman Shaw pero lmenta dwar il-fatt li l-kuntratturi mhux qed jużaw plastic u jsiru kundizzjonijiet fil-permessi. Il-Kunsill qabel dwar dan.

5. **AMMINISTRAZZJONI**

5.1 Is-Segrerarja nfurmat dwar iż-żjara tal-grupp min Chichester.

5.2 Is-Segretarja preżentat l-ispejjez għax-xahar ta' April-Mejju 2014. Dawn gew approvati.

**TMIEM**

Fl-21.00hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għat-Tnejn 7 ta' Lulju 2014 fit -19.30hrs.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku